-KOLLIZZJONI-

# IL-PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu, 2001**

**Kawza Nru: 12**
**Citazzjoni Numru: 1831/96/RCP**

**Paul Agius**

**vs**

**George Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol.1 tal-process fejn l-attur ippremetta:-

Illi fl-10 ta' Marzu 1996 waqt li l-istanti kien isuq karozza Hyundai Reg No. E 0690 f' Birkirkara din sfat involuta f'

habta mall-Minibus Nru. Y 2105 misjuqa mil-konvenut u garrbet hsarat;

Illi ghall-incident u konsegwement danni kien jahti l-konvenut minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti izda dan injora s-sejha tal-attur ghal hlas ta' danni;

Illi d-danni ammontaw ghal Lm961.86c.

L-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:-

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b' rizultat tal-istess sofra l-attur.

2. Tiddikjara d-danni fl-ammont ta' Lm961.86c jew somma verjuri li tigi likwidata occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundannah ihallas lill-attur l-ammont hekk dikjarat dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjes komprisi Lm23 ta' ittri u konsulti, dawk tal-ittri ufficjali lill-assikuraturi tal-konvenut (Malta Omnibus Pool) *ai termini* tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 2 *et sequitur* tal-process.

Rat id-dokkumenti ezebiti ma' l-istess citazzjoni attrici.

Rat in nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 22 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort tal-attur innifsu.

2. Illi t-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x' jigu likwidati favur l-attur.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent ma ghandux ihallas danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut annessa mal-eccezzjonijiet a fol. 23 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Marzu, 1997; tal-10 ta' Novembru, 1997 fejn xehdu PS 226 Paul Bonanno u l-attur; tal-11 ta' Marzu, 1998 fejn xehdu l-attur, Carmel Mifsud u Ronald Agius. L-attur iddikjara li m'ghandux provi aktar; tat-30 ta' Ottubru, 1998 fejn xehed in kontro-ezami l-attur; tad-9 ta' April, 1999 fejn xehed in kontro-ezami Philip Mifsud; tal-1 ta' Novembru, 1999 fejn xehed Ronnie Agius; tal-24 ta' Marzu, 2000 fejn xehed il-konvenut; tas-17 ta'

Mejju 2000; tal-4 t'Ottubru 2000; tal-10 ta' Jannar 2001 fejn xehed il-konvenut. Dr Zammit McKeon ghall-konvenut iddikjara li fi zmien 30 jum kien ser jesebixxi b' nota *survey* li sar fuq il-karozza tal-konvenut mill-assikurazzjoni ta' l-attur u xi ritratti u mill-bqija hu lest mill-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghall-15 ta' Marzu, 2001.

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha ddikjara li skond informazzjoni moghtija minn Laferla Insurance Agency Limited assikuraturi tal-attur jidher li din l-assikurazzjoni baqghet ma ghamlitx *survey* tal-hsara li garrbet il-vettura tal-konvenut konsegwenza tal-incident meritu tal-kawza fl-ismijiet premessi. Min-naha tieghu l-konvenut ma nkariga ebda *surveyor* biex jispezzjona din il-hsara.

Rat id-dokumenti l-ohra kollha ezebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. **KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza tikkoncerna kollizzjoni li grat fl-10 ta' Marzu, 1996 f' Gharghur Road Birkikara, bejn vettura Reg No. E 0690 misjuqa mill-attur, u il-Minibus Reg No. Y-2105 misjuqa mill-konvenut.

Illi ma hemmx dubju, u dan peress li rrizulta mill-provi, li dwaru jaqblu l-partijiet, li l-karozzi nvoluti fl-istess incident kienu gejjin mid-direzzjoni opposta ta' xulxin fl-istess triq, tant li fil-fatt il-karozza tal-attur kienet sejra lejn id-direzzjoni ta' Birkirkara, filwaqt li l-karozza misjuqa mill-konvenut kienet gejja mid-direzzjoni ta' Birkirkara lejn il-Vibes.

## I. Provi dwar ir-responsabilita' tal-incident stradali.

Illi fix-xhieda tieghu **PS226 Paul Bonanno** ikkonferma li l-isketch a fol. 4 tal-process immarkat Dok A hu maghmul minnu u li kien hu li nvestiga l-kaz. Huwa ezebixxa kopja tal-okkorrenza li giet immarkata Dok FGC1. Hu xehed li l-gebla msemmija fl-okkorrenza raha u li kienet ta' daqs kbir. Fil-fatt ikkwalifikaha bhala "*boulder*."

Illi in kontro-ezami huwa qal li hu minnu illi t-triq tisserpega pero` fejn gara l-incident hija ghad-dritt. Rigward l-i*spot of impact* hu xehed li la m'hemmx indikat fl-isketch ma kellux indikazzjonijiet. Inoltre` f'dik il-parti tat-triq hemm ftit u xejn dawl. Hu qal li fl-okkorrenza nizzel il-hsara li rriskontra fiz-zewg vetturi nkluza l-hsara fil-van cioe` l-*bumper* u l-*headlamp*. Dan rah personalment.

Illi xehed **l-attur Paul Agius** li kkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Hu qal li l-hsara riportata fl-okkorrenza fis-sens illi fil-karozza tieghu kien hemm ukoll

hsara fil-*front left mudgard bumper* ma saritx bil-habta mal-vettura l-ohra izda mal-hajt meta hu ntrass mal-hajt. Din il-hsara hija semplici girfa. Hu qabel mas-Surgent li l-gebla in kwistjoni kienet *boulder*.

In kontro-ezami qal li mieghu hu kellu zewg passiggiera – lil Philip Mifsud li kien bil-qieghda fid-*drivers seat* u lil Ronnie Agius fuq wara. Huma kienu gejjin mill-Vibes biex imorru d-dar lejn Birkirkara. Hu spjega li ghalkemm il-wisa tat-triq fejn gara l-incident hija inqas mill-wisa ta' l-Awla tal-Qorti, l-van u l-karozza tieghu setghu jaghddu liberament kieku ma kienx hemm il-gebla msemmija. Inoltre` ghalkemm fejn gara l-incident it-triq hija fid-dritt hu minnu li l-Minibus biex gie fuqu gie minn wara liwja. Hu dejjem kien ghaddej minn triq dritta.

L-attur esebixxa zewg ritratti mmarkati Dok A U Dok B, u dan biex jidher car fejn gara l-incident u biex jiccara illi kuntrarjament ghall-impressjoni li wiehed jista' jiehu mill-okkorenza l-parti tat-triq fejn gara l-incident ma kienitx fid-dritt. Hu qabel mal-posizzjoni taz-zewg vetturi kif spiccaw mal-habta kif murija fl-isketch. Il-hsara fuq il-vettura tieghu tikkonsisti fuq in-naha tal-lemin tal-quddiem taghha fl-estremita' tat-tarf u gara illi l-Minibus hargu l-barra u l-kantuniera tax-xellug ta' wara tal-vettura tieghu habtet mal-hajt. Kif spjegat aktar il-fuq kellu hsara konsistenti f' girfa fil-genb fuq in-naha tax-xellug. Ukoll sostna li mix-xellug tal-Minibus mill-ispazju li kien hemm bejn il-Minibus u l-hajt bdew jghaddu muturi bin-nies rekbin fuqhom. Huwa qal

ukoll illi meta ra l-Minibus gejja ghal fuqu hu waqaf billi ha l-'*evasive action*' li jintrass mal-hajt.

Illi in kontro-ezami l-attur assigura lill-Qorti illi dakinhar illi saret il-habta fil-hin illi gew il-Pulizija l-vetturi baqghu fil-posizzjoni li kienu meta saret il-habta. Hu qal li ma kienx qieghed isuq izjed minn hamsa u ghoxrin kilometru fis-siegha. Huwa qabel illi biex wiehed jevita` l-gebla li kien hemm ried bilfors jaqla' l-barra. L-attur qal illi meta ra l-Minibus kien maqlugh sewwa mill-hajt, madwar erba' piedi. Hu qal illi meta waqaf minn mal-gebla waqaf bid-dritt. Meta kien qieghed jahseb biex jieqaf minhabba l-gebla l-konvenut kien diga gej ghal fuqu u x'hin waqaf ha d-daqqa mill-vettura tal-konvenut. Huwa cahad li l-'*left wing panel*' tal-karozza tieghu kien '*badly duskled'* imma kellu biss girfa.

Illi xehed ukoll **Philip Mifsud** li meta gara l-incident kien riekeb mal-attur fuq quddiem. Huwa qal li kienu sejrin lejn id-direzzjoni ta' Birkirkara minn Ganu Street, meta f'daqqa wahda raw il-Minibus gejja mid-direzzjoni opposta tinsaq bi speed *'high'* u billi kien hemm gebla mdaqqsa sewwa qudiemhom mal-hajt l-attur waqaf u l-konvenut baqa' tiela' u tahom daqqa fuq quddiem in-naha tad-driver. Bid-daqqa dawarhom u l-wara tal-vettura ta' l-attur spiccat mahbuta gol-hajt. Ix-xhud qabel ma' l-isketch tal-Pulizija ezebit a fol.4 tal-process Huwa spjega illi kieku l-Minibus kien tiela' fuq is-*side* tieghu sewwa huma kienu jghaddu xorta wahda allavolja kien hemm il-gebla mdaqqsa. Dan kienu jghaddu

bl-ezatt u dejjem jekk wiehed ikun miexi bil-mod. Inoltre' qal illi mix-xellug tal-Minibus kien hemm nies illi setghu jghaddu liberament u kien hemm ukoll mutur li nsaq f'dak l-isqaq. Huwa sostna li l-ispeed tal-attur kien inqas min-normal dan anke peress li kienet ghamlet ix-xita.

Illi in kontro-ezami Philip Mifsud xehed li meta ra l-ewwel darba il-Minibus, din kienet xi tletin metru 'l boghod mill-vettura tal-attur. Illi l-gebla kienet imdaqqsa u kienet tokkupa sa sporrgenza ta' bejn zewg piedi u zewg piedi u nofs. Hu xehed li apparti l-Minibus kien tiela '*high'* hu kellu d-dawl *'bright full on'* qal illi meta l-attur ra gebla huwa waqaf lura minnha imma fid-dritt mhux ixaqleb jew skuntrat lejn xi naha jew ohra. Rigward il-hsara riportata fil-vettura tal-attur qal li kienet fuq quddiem in-naha tal-lemin u dana bhala konsegwenza tal-impatt tal-Minibus. Ix-xellug ta' wara nett wara li l-Minibus dawwar il-vettura tal-attur inbarax mal-hajt tas-sejjiegh. Inoltre' qabel ma sar l-impatt l-attur haxken kemm seta' mal-hajt bir-rizultat illi max-xellug fuq quddiem semghu jhaxken mal-hajt li kien tas-sejjiegh u kwindi bi sporgenzi ta' diversi gebel. Huwa enfasizza li l-vettura tal-attur ma habtitx mal-gebla li kien hemm fit-triq. Il-hsara riportata fil-Minibus kienet mill-bieba tax-xellug il-quddiem u fil-genb. Il-hsara kienet ezattament fil-kantuniera tal-mudguard ta' quddiem. Id-daqqa kienet gol-kantuniera tal-Minibus fuq in-naha tax-xufier.

Xehed ukoll **Ronald sive Ronnie Agius** li meta gara l-incident kien riekeb fuq wara fil-vettura misjuqa mill-attur.

Huwa kkonferma li dak in-nhar kienet ghamlet ix-xita u li kienu ghadhom kif telqu mill-'Vibes' u kienu nezlin lejn id-direzzjoni ta' Birkirkara. Hekk kif raw il-Minibus gej fuqhom l-attur trekken ghal mal-hajt u l-Minibus baqa' gej fuq il-faccata tal-vettura ta' l-attur fuq in-naha tad-*driver* u bid-daqqa l-wara tal-vettura ta' l-attur habtet mal-hajt. Huwa qal li bid-daqqa l-Minibus qala' l-barra l-vettura ta' l-attur minn mal-hajt. Meta muri l-isketch tal-Pulizija (a fol. 4 tal-process) qabel mal-posizzjoni taz-zewg vetturi kif tidher fl-isketch u wara l-incident. Rigward il-hsara fuq ix-xellug tal-vettura tal-attur fuq quddiem qal li ma kienx hemm daqqiet imma kien hemm xi barxa mal-genb tal-'*front bumper*.' Hu ma kienx jaf kif saret tali hsara minhabba li kien fuq wara. Huwa ikkorega ruhu mix-xhieda precedenti u qal li ghadda mutur bejn il-hajt u l-Minibus misjuqa mill-konvenut. Fejn sar l-incident ma kienx hemm arbli fuq ix-xellug tal-Minibus. Ma kienx hemm gebel imwaqqa' mal-hajt tax-xellug ghax kieku ma kienx ighaddi mutur. Meta ra l-Minibus l-ewwel darba kien ghadu fil-boghod u kif rah l-attur rekken mal-hajt. Hu qal li hu veru li z-zewg vetturi setghu jghaddu mill-post fejn gara l-incident imma l-attur ma setghax ighaddi minhabba li kien hemm gebla kbira, u kien ghalhekk li hu rekken mal-hajt. Ma setghax jghid kemm ghadda hin bejn meta l-attur rekken mal-hajt u saret il-habta. Il-vettura tal-attur daret bid-daqqa li hadet mill-Minibus. L-attur ma habatx mal-gebla. Hu ma jafx kif saret il-hsara li garrab l-attur fuq il-*mudguard* ta' quddiem tax-xellug. Il-hsara li kellha l-Minibus kienet fuq il-*mudguard* tal-lemin ta' quddiem.

Illi xehed ukoll **il-konvenut George Micallef** li qal li hu kien qed isuq l-Minibus sejjer fid-direzzjoni tal-Vibes. It-triq tal-incident hija talment wiesa' li jistghu jghaddu zewg karozzi liberament-anki zewg Minibuses jghaddu jekk isuqu bil-mod. It-triq mhix mixghula w allura wiehed ikollu jistrieh fuq id-dawl tal-vettura li jkun qieghed isuq. Hu kien qieghed isuq bil-mod u fuq in-naha tieghu tat-triq, mentri l-vettura ta' l-attur kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Illi qal li f'daqqa wahda l-vettura tal-attur giet ghal fuqu u habtet mal-Minibuse fil-parti ta' wara tal-*mudguard* ta' fuq ir-rota ta' quddiem. Bid-daqqa tghawweg il-fus tar-rota u fuq il-faccata tal-Minibus u fejn hemm id-dawl taghha fl-istess faccata ma saret l-ebda hsara. Il-karozza tal-attur dahlet fil-Minibus bix-xewka ta' qudiem tan-naha tad-driver. Bid-daqqa li qala' l-bieba tieghu ma setghetx tinfetah u kellu johrog bi tbatija mill-bieba l-ohra peress li d-distanza bejn il-van u l-gebel tal-hajt tas-sejjiegh kienet zghira. Meta nizel u ra gebla l-kbira l-attur qallu: "*Ara x' hawn fin-nofs*" kif ukoll li kien it-tort tieghu u kien se jhallsu minn butu. Inoltre' hu xehed li qabel ma habat mieghu il-konvenut ra lill-attur jahbat mal-gebla u rah idawwar l-isteering ghal go fih. L-attur kellu hsara fuq in-naha ta' wara tal-vettura tieghu u anke fuq quddiem fuq in-naha tax-xellug. Meta l-karozza tal-attur spiccat mahbuta mal-Minibus kienet vicina hafna tal-gebla. Huwa qal illi wara l-incident ma setghax isuq u gie ittowjat. Hu qal li sakemm mar is-Surgent ma caqalqux il-karozzi. Hu qal ukoll li l-attur habat mal-gebla u kif habat maghha dahal taht ir-rota tieghu ghax huma

ltaqghu ma xulxin u l-konvenut ma lahaqx ghadda kollu bil-bicca ta' quddiem.

## II. <u>EZAMI TAL-PROVI PRODOTTI.</u>

Illi dwar il-kollizzjoni jinghad li sabiex wiehed jiddeciedi dwar ir-responsabilita' tal-istess f'kull sinistru ghandha tinstab il-kawza prossima tal-istess incident, u cioe' dak il-fatt u manuvra li ta lok ghas-sinistru.

Illi jidher car li f'din il-kawza hemm zewg versjonijiet differenti ghall-xulxin fejn kull wiehed mill-partijiet jaghti l-htija lill-iehor tal-istess incident. Illi ovvjament f' tali cirkostanzi, huwa ovvju li wiehed mis-sewwieqa nvoluti fl-istess incident ma huwiex qed jghid il-verita'.

Illi x-xhieda li taha s-Surgent Paul Bonanno lli investiga l-istess incident ma tantx titfa' dawl fuq x'setgha wassal ghal tali incident. In fatti mill-iskizz li ghamel hu stess u li hu ezebit a fol. 4 tal-process lanqas biss hemm indikat l-i*spot of impact*. Illi fir-R.A.R. li esebixxa hemm indikat li l-Minibus tal-konvenut garbet hsarat fuq il-*mudguard* ta' quddiem tan-naha tal-lemin u bumper u fanal. Ix-xhud qal li l-hsara li nizzel f'dan ir-rapport nizzilha peress li raha personalment, u kwindi kkonfermahom.

Illi huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza taghna, li sabiex tasal ghal dan l-ezami, wiehed irid jikkonsidera x-xhieda

moghtija mill-partijiet, u l-allegati versjonijiet taghhom jistghu jigu sopportati minn xhieda ohra li kienu prezenti waqt l-istess incident, u jikkorroboraw l-istess, u wkoll il-gudikant ghandu jiehu in konsiderazzjoni, jekk versjoni jew ohra hijiex verosimili, ghaliex f'dawn it-tip ta' kazi, ta' konflitt ditrett fix-xhieda tal-partijiet, jista' jinghad, u hekk kemm il-darba gie ritenut, li l-verosimiljanza hija wkoll forma ta' korroborazzjoni.

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-verzjoni tal-konvenut ma hijiex wahda kredibbli u ma ghandhiex tigi accetata. Dan ghaliex il-hsarat li garrab l-attur huma kompatibbli mal-versjoni li ta huwa stess u mal-korroborazjoni tax-xhieda l-ohra, kif ukoll mir-Road Accident Report. Huwa inverosimili li l-attur habat mal-gebla u dawwar l-isteering ghal go fih u m' ghamel pratikament l-ebda hsara hlief grif meta ma hemmx kwistjoni li l-gebla kienet imdaqqsa. Dan jirrizulta aktar meta wiehed jara Dok RR a fol. 69 tal-process. Inoltre' l-konvenut fix-xhieda tieghu semma' biss il-hsara fil-mudguard u nnega li kellu hsarat f' banda ohra, mentri fl-okkorrenza rizulta car li dan mhux minnu.

Ghandu jinghad illi la l-konvenut rah jahbat hu kellu d-dmir li jaghmel minn kollox biex jevita tali incident, pero' anki peress li irrizulta li hu kien qed isuq bi speed eccessiv - fill-fatt gibed il-karozza tal-atturi li kienet imrassa mal-hajt - u kien mahrug hafna l-barra minn mal-hajt ma setghax jaghmel dan.

Illi ghalhekk isegwi li ghalkemm l-attur ipprova jevita l-incident billi ntrass mal-hajt ftit il-boghod mill-gebla mdaqqsa, peress li l-Minibus kienet gejja b' certu speed u kienet ghaddejja 'l barra mill-hajt tas-sejjiegh habtet mal-karozza tal-attur tant li l-Minibus hareg lill-attur il-barra u l-kantuniera tax-xellug ta' wara tal-vettura tal-attur habtet mal-hajt. Inoltre', irrizulta wkoll li kieku l-Minibus kien tiela' verament fuq is-side tieghu sewwa huma kienu jghaddu xorta wahda ghalkemm kien hemm il-gebla imdaqqsa.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo* minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

## III. <u>LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.</u>

Illi dwar l-ammont ta' danni dawn allegatament jammontaw ghal disa' mija wiehed u sittin lira maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm 961.86) li ma jidhirx li gew ikkontestati mill-istess konvenut.

Illi fill-fatt l-ammonti mhallsa konsegwenza tad-danni sofferti fl-istess vettura tal-attur kienu jikkonsistu:-

| | | |
|---|---|---|
| Dok R1 | Panel beating Receipt | Lm 230.00 |
| Dok R2 | Spray Painting Receipt | Lm 253.00 |

| | | |
|---|---|---|
| Dok R (12) | Autoparts minn St. Venera | Lm 90.70 |
| Dok. R 3 sa Dok R (ii) | Ricevuti ta' parts | |
| | Mill-New Waldorf Garage | Lm 347.91 |
| Dok. R13 | Kiri ta' karozza | Lm 36.80 |
| Dok L | RAR & sketch | Lm 3.45 |
| | | Lm 961.86 |

Illi tali danni jirrizultaw ippruvati mid-dokumenti kollha ezebiti, mhux kif gie ndikat fin-nota tal-istess a fol. 68 tal-process fejn hemm ammont ta' Lm45.45 reklamat mill-istess attur imma mhux pruvat minn dokumenti.

Illi ghalhekk l-istess Qorti qed tillikwida d-danni soffferti fl-ammont ta' disa' mija wiehed u sittin lira maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm961.86).

## IV. <u>KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **taqta' u tiddeciedi** billi tilqa' t-talbiet attrici b' dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li, b' rizultat tal-istess sofra l-attur.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' disa' mija wiehed u sittin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm961.86).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat fl-ammont ta' disa' mija wiehed u sittin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm961.86) dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut komprizi dawk tal-ittra ufficjali kontra l-assigurat tal-konvenut u bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-effetiv pagament.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**15 ta' Marzu, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Marzu, 2001.**